**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 31 ta` Mejju 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**EUGENIO LANZON**
**NATALINO BRINCAT**
**SHAMISON BRINCAT**

**KUMP NRU 1243/2008**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati, **Eugenio Lanzon** ID.**553888M**, **Natalino Brincat** ID.**322687M**, u **Shamison Brincat** ID.**308591M**, gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-15 ta' Novembru 2008, ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu (04:00am), fi Triq Wilga, San Giljan u/jew fil-vicinanzi;

1. Il-ko-imputat Eugenio Lanzon wahdek talli minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja fil-periku car, ikkagunajt ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Angela Sciberras Trigona;

2. Il-ko-imputat Eugenio Lanzon wahdek talli ikkagunajt feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Lisa Sophie Attard;

3. Il-ko-imputat Natalino Brincat wahdek talli ikkagunajt ferita ta' natura hafifa fil-gisem ta' Alexia Sarah Sciberras Trigona, Lisa Sophie Attard u Stephanie Micallef;

4. Il-ko-imputat Shamison Brincat wahdek talli hebbejt ghal Angela Sciberras Trigona, Alexia Sarah Sciberras Trigona, Lisa Sophie Attard u Stephanie Micallef;

5. U akkuzati aktar flimkien, talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghkom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamiltu hsara jew hassartu jew gharraqtu xi haga u cioe' mobile phone tal-marka Samsung ghad-dannu ta' Stephanie Micallef u curkett ghad-dannu ta' Alexia Sarah Sciberras Trigona;

6. U akkuzati aktar flimkien talli volontarjament ksirtu l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied;

7. Il-ko-imputat Eugenio Lanzon wahdek akkuzat aktar talli, rrendejt ruhek recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu midbula;

8. Il-ko-imputat Eugenio Lanzon wahdek akkuzat aktar talli ksirt ordni tal-Qorti li ma taghmilx reat iehor b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 19 ta' Frar 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

9. Il-ko-imputat Natalino Brincat wahdek akkuzat aktar talli rrendejt ruhek recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Angela Sciberras Trigona, Alexia Sarah Sciberras Trigona, Lisa Sophie Attard u Stephanie Micallef, jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti (Art.383 ta' Kap.9).

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat ir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali tas-17 ta` Novembru 2010 li jinsab *a folio* 98 ta` l-atti u l-Artikoli tal-Ligi hemm indikati;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet trattazzjoni;

**Ikkunsidrat**;

Minnufih din il-Qorti sejra tiddikjara li mhux ser tiehu wisq fit-tul biex iggib fit-tmiem dan il-kaz li ilu pendenti minn Dicembru tas-sena 2008.

Fil-qosor, dan kien kaz meta, fil-lejl u lok in kwistjoni, filwaqt li erba tfajliet, Alexia Sarah Sciberras Trigona, Angela Sciberras Trigona, Lisa Sophie Attard u Stephanie Micallef, kienu mixjin lejn il-vettura taghhom, lemhu lill-imputati jivvandalizzaw vettura, li inzertat kienet ta` persuna li kienu jafuha. Xi hadd mit-tfajliet gibdet l-attenzjoni ta` l-imputati biex jieqfu minn dak li kienu qed jaghmlu. Minn naha taghhom l-imputati, ghalkemm ma waqfux mill-ewwel, meta mbaghad waqfu jivvandalizzaw din il-vettura, daru ghall-erba tfajliet u aggredewhom fizikament.

Dan hu principalment dak li rrizulta f'dan il-kaz u l-imputati konsegwentement tressqu sabiex jirrispondu ghall-imputazzjonijiet dedotti.

**Ikkunsidrat**;

Illi mir-rizultanzi processwali jirrizulta skond il-ligi li Lisa Sophie Attard sofriet griehi ta` natura hafifa (ara certifikat mediku *a folio* 16 u depozizzjoni ta` Dr. Bernice Vella *a folio* 71); Angela Sciberras Trigona sofriet griehi ta` natura gravi (ara certifikat *a folio* 17 u depozizzjoni ta` Dr. Attard Biancardi *a folio* 44 *et seq*); u Alexia Sarah Sciberras Trigona sofriet griehi ta` natura hafifa (ara certifikat *a folio* 18 u depozizzjoni ta` Dr. Attard Biancardi *a folio* 44 *et seq*).

Irrizulta car ghal din il-Qorti li kien l-imputat Eugenio Lanzon li kkaguna l-ferita gravi li sofriet Angela Sciberras Trigona (ara *a folios* 37 *et seq* u *folios* 79 u 80).

Irrizulta (ara *folio* 49) li Eugenio Lanzon imbotta lil Lisa Sophie Attard, u mbaghad l-imputati infexxew fl-erba tfajliet. Natalino Brincat ta daqqa lil Lisa Sophie Attard fuq wiccha (ara *folio* 50). L-istess Natalino Brincat beda jaghti fuq wicc Alexia Sarah Sciberras Trigona (ara *folio* 79) u aggredixxa wkoll lil Stephanie Micallef (ara *folio* 84).

Dwar il-hames imputazzjoni, irrizulta li l-hsara saret waqt din l-aggressjoni (ara *folios* 80 u 86).

Il-Qorti hi tal-fehema illi l-verzjoni tal-fatti kif imressqa mill-erba tfajliet, vittmi ta` aggressjoni bla raguni, hija l-verzjoni attendibbli u li ghandha mis-sewwa. Kuntrarju ghal dan, il-verzjoni moghtija mill-imputati (ara l-istqarrijiet taghhom u d-depozizzjoni ta` Eugenio Lanzon – fejn sostnew in succinct li kienu t-tfajliet li ghamlu aggressjoni fuq l-imputati u li kien hemm konfuzjoni shiha u l-imputati raw kif ghamlu biex johorgu minn tali konfuzjoni), ma hijiex wahda attendibbli u definittivament ma ghandhiex mis-sewwa.

**Ikkunsidrat**;

Fil-kuntest tal-piena jew sanzjoni, bis-sahha tal-fedini penali esebiti (ara folios 6, 7 u 8), il-Qorti hija sodisfatta li l-imputati Eugenio Lanzon u Natalino Brincat ghandhom jitqiesu bhala recidivi – izda biss fit-termini ta` l-Artikolu 49 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

U l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien (8) imputazzjoni, stante li din ma gietx segwita u indikata fir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali li jinsab *a folio* 98.

Finalment din il-Qorti tikkummenta illi b'din l-aggressjoni bla sens, l-imputati ghandhom jitqiesu lkoll bhala kodardi u dak li ghamlu l-imputati ma ghandux ikun tollerat f'socjeta` civili.

**Konkluzjoni**;

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 37, 49, 50, 214, 215, 216(1)(a)(b)(d)(2), 221(1)(3), 328 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, taqta u tiddeciedi billi (a) tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tat-tmien (8) imputazzjoni, u (b) **ssib u tiddikjara lill-imputati kollha hatja skond l-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif dedotti kontra taghhom u tikkundannahom u/jew tiddisponi mis-sanzjoni** kif gej :

Lil **Eugenio Lanzon**, ghal **piena ta` prigunerija ta` sentejn izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija**; **kif ukoll ghall-hlas ta` multa fis-somma ta` €1100.**

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Lil **Natalino Brincat ghall-piena tal-multa fis-somma komplessiva ta` €1100.**

U, fil-konfront ta` **Shamison Brincat,** peress li jissussistu l-elementi idoneji (fil-konfront tieghu japplika d-dispost ta` l-Artikolu 37 tal-Kap 9), tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Shamison Brincat fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur